**24 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

George Bugeja

*versus*

Rita Catania *et*

**Paternita` - Leġittimita` tat-Tfal**

*Din il-kawża tirrigwarda l-leġittimita o meno ta' minuri.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni;

Premess illi fit-23 ta' Mejju, 1990, twieldet tarbija lill-konvenuta Rita Bugeja u t-tarbija ngħatat l-isem ta' Clare;

Premess illi l-imsemmija tarbija ġiet irreġistrata bħala li hija bint l-attur George Bugeja, kif jidher mill-Att tat-Twelid tagħha li jġib in-numru elfejn, ħames mija u sebgħa u ħamsin, ta' l-elf disa' mija u disgħin (2557/90) (Dok. A);

Premess illi l-attur ilu separat minn ma' martu għal diversi

snin, u peress li partikolarment fil-perijodu bejn it-tliet mitt jum sal-mija u tmenin jum (it-tnejn inklużi) qabel it-twelid ta' l-imsemmija minuri Clare, huwa lanqas biss kien ra lil martu, il-konvenuta, u għalhekk fil-fatt, it-tarbija mhijiex ta' l-attur;

Premess li kemm it-tqala tal-minuri msemmija u kif ukoll it-twelid tagħha kienu b'qerq moħbija lill-attur li sar jaf biss bit-twelid minn terzi persuni riċentement;

Premess li b'kuntratt tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, elf disa' mija u disgħin (1990) fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, ċertu Lawrence Azzopardi għaraf lill-imsemmija minuri b'bintu (Dok B);

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara illi l-minuri Clare, bint il-konvenuta Rita Bugeja, mhijiex bint l-attur; u

Tordna li l-paternita' li tidher fl-Att tat-Twelid nru. 2557/90 (Dok. A), fl-ewwel kolonna fejn hemm indikati "Isem u kunjom missier it-tarbija", il-kliem "George Bugeja" jiġu mħassrin u mibdula mal-kliem "Lawrence Azzopardi", filwaqt li kull referenza oħra fl-imsemmi Att tat-Twelid li tista' tirreferi għall-attur tiġi kkanċellata u ssostitwita bil-konnotati u partikolaritajiet ta' l-imsemmi konvenut Lawrence Azzopardi kif murija fl-Att ta' rikonoxximent (Dok. B);

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-

xhieda tiegħu u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Azzopardi li fiha hu eċċepixxa li kien il-missier relattiv ta' Clare u għamel riserva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess Lawrence Azzopardi u l-lista tax-xhieda minnu ndikati;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rita Bugeja fil-kwalitajiet tagħha mħarrka u fiha hija eċċepiet illi Lawrence Azzopardi kien il-missier naturali ta' bintha Clare u għamlet ukoll riserva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenuta Rita Bugeja u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li fiha huwa eċċepixxa li ma kienx edott f'dak l-istadju mill-fatti li taw lok għall-kawża odjema u rrimetta ruħu għall-provi u illi f'każ li tintlaqa' t-talba attriċi, Lawrence Azzopardi kellu jiġi indikat bħala missier illeġittimu u li l-frażi *the said* relattiva għall-kolonna indikanti Rita Bugeja tkun imħassra u illi ma kellux ibati spejjeż. Għamel ukoll riserva għal eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-hieda minnu ndikati;

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Novembru, 1991 bin-numru 15504 permezz ta' avviż numru 901;

Rat l-atti kollha tal-proċess u senjatament id-diversi dokumenti esebiti;

Semgħet lill-partijiet u lid-difensuri;

*Ikkunsidrat:*

Illi l-attur kien miżżewweġ ma' Rita Bugeja iżda bejniethom *kien hemm separazzjoni de facto ta' madwar għoxrin sena ilu; illi* rriżulta li f'dan il-perijodu l-konvenuta Rita Bugeja kellha tarbija u l-attur kif induna b'dak li kien ġara, ppreżenta ċitazzjoni ħalli t-tarbija msemmija tiġi ddikjarata li ma kinitx il-wild naturali tiegħu; din il-kawża ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fit-2 ta' Diċembru, 1987 (fol. 42 tal-proċess);

Illi in segwitu fit-23 ta' Mejju, 1990 l-istess Rita Bugeja kellha tarbija oħra li dwarha qed issir il-kawża odjerna mir-raġel tagħha, biex din ukoll tiġi ddikjarata li mhijiex it-tifla tiegħu, fl-intervall, aktar tard il-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali u l-kuntratt opportun ġie ffirmat fl-*20 ta' Settembru, 1993 (dok. GBX);*

Illi din il-kawża tirrigwarda l-leġittimita` o meno tal-minuri Clare u ma hemmx għalfejn jiġi ribadit li f'kawżi bħal dawn il-Qorti trid toqgħod b'attenzjoni aktar minn normal peress li ser iċċaħad lill-minuri minn leġittimita` *prima facie* u l-effetti ta' sentenza simili jkollhom konsegwenzi gravi għall-ħajja kollha ta' l-imsemmija minuri;

Illi l-leġislatur tagħna ried ikun strett qabel jikkonċedi din il-possibilita` u r-rekwiżiti meħtieġa biex tintlaqa' talba simili kienu *tassew riġidi u d-diffikulta' ta' min ried jipprova każ bħal dan kienu*

tassew kbar;

Illi s-sitwazzjoni legali ġiet mibdula bl-emendi li ġew introdotti anqas minn sena ilu u l-Qorti m'għadhiex marbuta b'limitazzjonijiet ibsin bħal ma kienu preċedentement u tista' tagħti aktar piż lill-fatt jekk il-konjuġi kinux separati *de facto* jew le; mhix aktar essenzjali li huma jkunu separati legalment;

Illi fid-dawl ta' dawn l-emendi u anke fid-dawl ta' l-iżviluppi li saru fil-mediċina ġenetika jkun opportun illi meta l-partijiet ma jkunux f'posizzjoni li jressqu provi skjaċċanti dwar il-kawżi tagħhom, jinżammu l-analisijiet meħtieġa biex il-Qorti jkollha quddiemha r-riżultati li jistgħu jwaddbu dawl għall-paternita' tal-minuri b'ċertezza kważi totali;

Illi pero' jkun hemm każi bħal dawk tal-kontendenti odjerni li meta jiġu analizzati r-riżultanzi proċesswali ma jħallu ebda forma ta' dubbju fil-moħħ tal-ġudikant li t-tarbija ma tkunx tal-missier, tar-raġel legali ta' l-omm; f'dan il-każ li għandha quddiemha l-Qorti tagħti ħafna enfasi lil diversi xhieda li tressqu u li kollha kkonfermaw illi wara li spiċċaw minn ma' xulxin il-konjuġi Bugeja qatt ma kellhom aktar relazzjoni bejniethom u li l-attur sar jaf bit-twelid ta' l-ulied mingħand terzi u kważi b'kumbinazzjoni;

Illi l-Qorti tagħti wkoll piż qawwi lill-kawża l-oħra li l-attur odjern għamel kontra l-istess martu wara illi hija kienet welldet ukoll l-ewwel tarbija wara s-separazzjoni *de facto* tagħhom f'Ottubru ta' l-1985; anke f'dawk iċ-ċirkostanzi ma kienx hemm dubbju illi hija kellha relazzjoni ma' Lawrence Azzopardi u dan fil-fatt ġie kkjamat f'dik il-kawża; jiġi wkoll rilevat li l-imsemmi Azzopardi rrikonoxxa kemm lill-ewwel tarbija, kif ukoll lil Clare

li dwarha qed issir il-kawża odjerna;

Illi għalhekk mir-riżultanzi proċesswali l-Qorti hija konvinta li t-tarbija Clare li twieldet mill-konvenuta Rita Bugeja fit-23 ta' Mejju, 1990 mhijiex il-wild naturali ta' żewġha George Bugeja imma hija bint il-konvenut Lawrence Azzopardi li miegħu ilha tikkoabita għal bosta u bosta snin;

Illi l-Qorti tagħmel referenza għat-tieni eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn issottometta li f'każ ta' eżitu posittiv, għat-talba attriċi, Lawrence Azzopardi għandu jiġi indikat bħala missier illeġittimu u li l-frażi *the said* fil-konnotati Rita Bugeja għandha tiġi mħassra;

Il-Qorti tifhem illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tiddikjara li l-minuri Clare li twieldet fit-23 ta' Mejju, 1990 mill-konvenuta Rita Bugeja nee' Catania mhijiex bint l-attur li kien żewġha, iżda hija l-bint naturali ta' Lawrence Azzopardi tilqa' wkoll it-tieni domanda billi tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mitluba u anke wara l-kliem Lawrence Azzopardi għandhom jidħlu l-kliem *illegitimate father* u għandhom jitniżżlu l-konnotati tiegħu skond ma jidher fil-kuntratt tar-rikonoxximent a fol. 7 tal-proċess, ċjoe' "fil-kummerċ bin il-mejjet Antonio u Rosina nee' Mifsud imwieled u residenti r-Rabat Malta". Il-konnotati dwar l-omm fejn hemm imniżżel "Rita wife of the said George Bugeja" jiġu kkanċellati l-kliem "the said";

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti Rita Bugeja llum Catania

u Lawrence Azzopardi.